# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 3 ta' Lulju 2019**

**Il-Pulizija**

**vs**

- ***Omissis* - *u***

**Rosario Brincat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

*Omissis*

U

Rosario Brincat ta' 53 sena, bin Felix u Carmen nee' Spiteri, mwieled Qormi fil-15 ta' Ottubru 1952, residenti fl-indirizz: 'My Dream', Triq Bellic, Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita numru 755152M

Akkuzati talli:

1. Fl-1 ta' Lulju 2006 u fiz-zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda ircievew minn ghand Anthony Camilleri jew kisbu minn ghandu xi weghda li jinghataw, ghalihom jew ghal ohrajn, b'korrispittiv ghal xi self, imghaxijiet, jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li jkun b'access minn dak li jkun permess bil-ligi.

2. Talli taht l-istess cirkustanzi wrew imgieba li biha ikkagunaw biza lil Anthony Camilleri li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra il-propjeta tieghu jew ta' membri tal-familja tieghu.

3. Talli b'hekk huma jitqiesu li saru recidivi ghat-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gew ikkundannati ghal reati b'diversi sentenzi mill-Qrati tal-Magistrati li saru definittivi.

Lil *Omissis* wahdu:

4. Talli b'hekk ukoll kiser il-kundizzjonijiet ta' probation imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fil-21 ta' Jannar 2004.

5. Talli b'hekk kiser il-provedimenti dwar sentenzi sospizi, Artiklu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq sentenza mill-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' Ottubru 2004.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmi Anthony Camilleri u tal-familjari tieghu, jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-istess *Omissis* u Rosario Brincat b'obbligazzjoni tieghu inniffsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li fis-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2015,[1] l-Prosekuzzjoni talbet lil din il-Qorti tordna s-separazzjoni tal-gudizzju tal-imputat odjern, kif ukoll tal-imputat *Omissis* u l-Qorti laqghet it-talba.

Ghalkemm il-Qorti tat iz-zewg partijiet il-fakolta li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet finali, it-tnejn li huma naqsu li jaghmlu dan.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fl-2006, l-Ufficjal Prosekutur ta' dak iz-zmien, l-Ispettur Joseph Cordina, kellu rapport li Anthony Camilleri kien qed jibza' minn uzuraj, tant li kien telaq mid-dar tieghu ghax kien qed jibza' minnhom.
2. Meta l-Ispettur Joseph Cordina kellem lil Anthony Camilleri qallu li kien qed jigi maghfus biex ihallas interessi ghal self li ghamel *inter alia* mal-imputat, tant li kien fittex l-ghajnuna tal-avukat tal-Agenzija Caritas.
3. Anthony Camilleri qallu li madwar erba' (4) snin qabel hu kien issellef LM8000 minghand l-imputat. Minn dak in-nhar beda jhallsu LM40.00 fil-gimgha. Camilleri qallu li kien naqas milli jhallas xi pagament xi kultant.
4. Camilleri qallu li ma kienx izomm rendikont la ta' x'hallas u lanqas ta' kemm kien ghad fadallu jhallas, ghax ma kienx izomm rendikont.
5. Camilleri qallu wkoll li kien mar ghand l-avukat sabiex il-kredituri tieghu, fosthom l-imputat, ituh ftit nifs u ma jkomplux jigru warajh, u qal li qatt ma gie mhedded mill-imputat.
6. Meta l-Ispettur irrinfaccah bil-fatt li hu kien telaq mid-dar, Camilleri kien riluttanti li jkompli jkellmu, u qallu li rranga l-pendenzi li kellu mal-imputat u ma riedx ikompli bir-rapport.

[1] Ara fol. 209 tal-process.

7. L-Ispettur baghat ghal Philip Camilleri, t-tifel ta' Anthony Camilleri, pero dan irrifjuta li jkellmu, u qallu li jekk kien hemm xi haga, kienet xi haga privata u ma ghandu jidhol hadd fiha.
8. L-Ispettur Cordina iddecieda li jkompli jinvestiga u istitwixxa l-proceduri kriminali odjerni kontra l-imputat, peress li l-uzura hija reat prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio*, u peress li kien tal-fehemha li Anthony Camilleri kien qed jibza' mill-imputat peress li kien fadallu jtih il-flus, u ghalhekk kien riluttanti li jaghti informazzjoni lill-Pulizija. Fix-xhieda tieghu, l-Ispettur Cordina qal li Camilleri kwazi iggieled mieghu biex ma jiehux passi kriminali kontra l-imputat.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Qabel ma din il-Qorti tittratta l-mertu tal-vertenza, hija thoss id-dover li tissolleva *ex officio* il-kwistjoni tal-ammissibilita tal-istqarrija tal-imputat.

*Kwistjoni Preliminari – L-Ammissibilita tal-istqarrija tal-Imputat*

Ghalkemm id-difiza ma ssollevat l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens, il-Qorti thossha fid-dover li tissolleva *ex officio* l-kwistjoni tal-ammissibilita tal-istqarrija tal-imputat, stante li din ittiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kienitx tippermetti l-assistenza legali qabel l-interrogatorju. Ghalkemm l-imputat ghazel li joffri d-depozizzjoni tieghu f'dawn il-proceduri, huwa ma ikkonfermax l-istqarrija tieghu bil-gurament.

In vista tal-fatt li meta ittiehdet din l-istqarrija l-imputat ma kellux access ghal avukat qabel l-interrogatorju, fil-konsiderazzjonijiet taghha hija sejra tiskarta l-istqarrija tal-imputat u dak kollu li xehed l-Ufficjal Prosekutur Joseph Cordina dwar dak li qallu l-imputat qabel u waqt l-interrogatorju, u dan konformi mal-insenjament tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza taghha **Mario Borg vs Malta**, deciza ft-12 ta' Jannar 2016.

*Il-Mertu*

Mill-provi irrizulta ampjament li Anthony Camilleri kien jissellef regolarment il-flus minghand l-imputat. Il-punt kardinali li jrid jigi deciz huwa jekk meta sar is-self mertu tal-kawza odjerna, l-imputat esigix imghax oghla minn dak permessibbli skond il-ligi civili – u cioe bit-tmienja fil-mija (8%).

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti,[2] Anthony Camilleri xehed li l-imputat jikkalkula li l-imputat kien silfu LM17,000, u ghamel sentejn u nofs ihallsu LM100 fil-gimgha u imbaghad kien ilu 4 snin itih LM50 fil-gimgha. L-ammont ta' LM17,000 ma hadhomx kollha f'daqqa'. L-ewwel self sar xi sitt (6) snin u nofs qabel (li tigi s-sena 2001 jew nofs is-sena 2000), u kien ta' Lm3000 u l-ahhar self kien sar xi tlett snin qabel (li tigi s-sena 2004) u kien ta' Lm3000. Jghid ukoll li sena qabel, cioe fl-2003, kien issellef LM4000. Pero huma qatt ma iffirmaw skrittura ghall-ammont ta' self li kien qed jircievi, pero l-imputat kien jghidlu li hu qed jiktibhom. Camilleri jghid li kien izommlu imghax b'circa 15%. Jghid ukoll li xi gimgha qabel tela' jixhed l-imputat kien qal lit-tifel tieghu (ta' Camilleri), li kien ghad fadallu jiehu Lm3000.

Camilleri jghid li anke wara li ghamel ir-rapport lill-Pulizija u sahansitra waqt il-proceduri, l-imputat baqa' jigi kull gimgha ghal flus – dak iz-zmien kien qed itih LM40.00 fil-gimgha. Jghid ukoll li qabel dahal jixhed, l-imputat qallu biex jghid fil-Qorti li kien itih LM15.00 fil-gimgha. Rendikont ma kienx izomm tal-flus li kien ihallsu.

Anthony Camilleri jghid li ghalkemm l-imputat qatt ma heddu, hu kien mar darbtejn mat-tifel tieghu, u t-tifel tieghu kien isawwtu ghax ma jkunx hallas il-flus lil missieru, cioe lill-imputat.

Philip Camilleri, it-tifel ta' Anthony Camilleri xehed[3] li hu u missieru kienu jissellfu l-flus minghand l-imputat. Hu jghid li hu u missieru ghamlu zmien jorqdu fir-razzett tieghu meta ma kienux ihallsu l-flus li kellhom jaghtu lil *Omissis*. Jghid li hu personali qatt ma kellu xi jghid mal-imputat, pero darba t-tifel tal-imputat nizel ghal missieru (Anthony Camilleri).

---

[2] Ara fol. 38 *et seq.* tal-process
[3] Ara fol. 68 *et seq.* tal-process.

Anthony Camilleri rega' ttella' jixhed in kontro-ezami fl-2012[4] – hames snin wara l-ewwel xhieda tieghu) u qal li xi xahrejn jew tlieta qabel kien ghamel hbieb mal-imputat. Jghid ukoll li wara li rrapporta lill-imputat u lil *Omissis* lil Pulizija, ma kienx jista' jmur jorqod id-dar, u rranga mal-imputat biex jorqod fir-razzett tieghu, u dam jorqod u jiekol ghandu hemm xi tlett gimghat. Pero wara rega' kisirha mal-imputat, u ricentement regghu ghamlu hbieb. F'din ix-xhieda tieghu, Anthony Camilleri jghid li kien jigi t-tifel tal-imputat jghajjat mieghu biex jaghti l-flus dovuti lil missieru, pero la l-imputat u lanqas it-tifel tieghu qatt ma sawwtuh. Iktar tard jghid ukoll li anke l-imputat gieli gie jghajjat mieghu, u kien ghalhekk li ghamel ir-rapport lill-Pulizija. Camilleri jghid ukoll li l-imputat gieli zammlu imghax bl-20%, u li qabel ghamel ir-rapport lil Pulizija qatt ma kien mar jorqod ghandu. Pero Camilleri jghid ukoll li pendenti dawn il-proceduri rega' issellef xi flus minghand l-imputat.

L-imputat xehed li hu kien sellef lil Anthony Lm8,000, u bejn wiehed u iehor kien ihallsu LM50 kull hmistax, pero gieli kien jaqbez xi pagament. Fil-fatt jghid li Camilleri dam xi ghaxar (10) snin biex hallsu. L-ahhar pagamenti nqatghu xi sentejn jew tlieta qabel kien qed jixhed, jigifieri bejn is-sena 2014 – 2015. L-imghax kien bit-8%. Apparti dan is-self, gieli selfu ammonti ohra, bl-imghax bit-8%, ghalkemm gieli sellfu xi flus minghajr ma zammlu imghax ukoll. Jghid li r-relazzjoni tieghu ma' Camilleri dejjem kienet tajba u li gieli raqqdu ghandu. Jghid li ghalkemm fiz-zmien li fih kien qed jixhed Camilleri kien rikoverat fis-sodda bid-dementia, xorta kien imur jarah u jara kif jista' jghinu.

Philip Camilleri rega' ttella' jixhed mid-difiza fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2018. Ix-xhieda tieghu hija evaziva hafna u qal li missieru Anthony Camilleri kienx ghamel rapport mal-Pulizija fuq l-imputat imma fuq *Omissis* biss. Jghid li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet dejjem wahda tajba, u ma jafx ghalfejn missieru kellu jaghmel rapport lil Pulizija fuq l-imputat. Jghid ukoll li missieru gieli issellef xi flus minghand l-imputat, u anke hu gieli issellef minghand l-imputat, u qatt ma kellhom xi jghidu. In kontro-ezami jghid li kien jaf li missieru kien ghamel rapport lil Pulizija fuq l-imputat imma ma kienx jaf fuq hix, u lil misseru qatt ma staqsieh fuq dan il-fatt.

Dottor Peter Borg Costanzi xehed li hu jaghti servizz volontarju lill-Agenzija Caritas fi hdan il-Fondazzjoni ghall-vittmi tal-uzura, u li kien kellmu darba jew darbtejn Anthony Camilleri,

[4] Ara fol. 116 *et seq.* tal-process.

pero ma ftakarx meta. Dottor Borg Costanzi xehed li Camilleri kien allega li n-nies li ghandhom jiehdu l-flus minghandu qed jhedduh u qed jibza', pero Dottor Borg Costanzi ma ftakarx min kienu dawn in-nies. Pero qal li Camilleri kien juri sinjali ta' bniedem imbezza'.[5]

L-ewwel imputazzjoni kontra l-imputat huwa tar-reat kontemplat fl-Artikolu 298C (1) tal-Kodici Kriminali li jippreskrivi hekk:
*"Kull min jircevi minghand xi hadd iehor jew jikseb minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b' korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun b' eccess minn dak li jkun permess bil-ligi, jehel meta jinsab hati , il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tmintax il-xahar u ghall hlas ta' multa…."*

Ghalhekk, l-uniku element mehtieg fil-ligi taghna ghal dan ir-reat ta' uzura hu li dak li jkun jikseb weghda li jinghataw b' korrispettiv ta' self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor b' eccess ta' dak li jkun permess mill-ligi.

Dan l-eccess jitkejjel fuq dak li jipprovdu l-artikoli 1139 u 1852 tal-Kodici Civili li jipprovdu ghal rata ta' 8%. Hemm ukoll l-artikolu 1854 tal-Kodici Civili li jiddisponi li fejn ir-rata tal-imghax ma tkunx giet miftehma, l-imghax ghandu jitqies bil-5%. Ghal dan il-principju hemm xi eccezzjonijiet li fiz-zmien kontemplat fic-citazzjoni kienu fl-Artikolu 1852 tal-Kodici Civili u li bl-Att III tal-2009 gew abrogati u inkorporati f'diversi ligijiet ohra li japplikaw fil-kazijiet ta' banek, meta jinhargu bonds ghall-pubbliku, eccetera, fejn ikun permess li dak li jkun jintrabat ghall-hlas ta' imghax ta' aktar minn 8%, li pero' kjarament mhumiex rilevanti ghall-kaz in dizamina.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs George Xuereb** deciza fil-15 ta' Jannar 2009, li kienet titratta wkoll allegazzjoni ta' uzura, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[6] ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

*"Issa fil-kaz in ezami din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti fil-process u rrizultalha li hi ferm aktar verosimili l-versjoni ta' Muscat li s-self massicc li kien qed isir kien qed jinghata versu korrispettiv u mhux gratis et amoris kif jallega l-appellant. Hadd f' sensieh ma jislef flejjes f'dawk l-ammonti lill-persuna li jkun jaf li hija midjuna serjament ma*

---

[5] Ara fol. 106 tal-process.
[6] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

*terzi, bla ebda garanzija w minghajr korrispettiv. Ghalkemm mill-provi ma jirrizultax li tali korrispettiv kien ha l-forma ta' rata ta' imghax fiss in eccess ghal dak permess mil-ligi, jidher li dan ha forma li solitament u komunement jiehu f' kazijiet ta' self bl-uzura w cioe' fejn, meta jinghata ammont b' self dan mal-ewwel jinkiteb f'ammont doppju b'mod li jigi jidher li l-ammont misluf ikun wiehed fiss u bla ma jissemma xi imghax ghalkemm dan l-ammont ikun fittizju ghax fih ikun jinkludi kemm il-kapital li jrid jithallas lura kif ukoll il-korrispettiv eccessiv li jigi immaskrat b' dan il-mod, f' kaz li wara jinqala' l-inkwiet bejn il-mutwant u l-mutwatarju. ... ...*

*Issa f' kazijiet bhal dawn hu car u manifest li jkun hemm allura korrispettiv jew qliegh iehor b'eccess minn dak massimu ta' imghax ta' 8% permess mill-ligi. Dan ghaliex ghax b' simple interest biex b'rata ta' 8% per annum tilhaq l-ammont tal-kapital, trid mill-inqas tnax il-sena w nofs. Invece, bl-espedjent appena deskritt, tali korrispettiv isir dovut minnufieh. Ergo dak li bil-ligi ma jkunx dovut qabel tnax il-sena w nofs bir-rata massima tal-imghax legali, jigi dovut u ezigibbli minnufieh. Dan certament jinkwadra ruhu fl-element materjali tar-reat kif espress b' mod car fil-ligi taghna.*

*Lanqas hu korrett l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu meta jissottometti li biex jissussisti dar-reat ta' uzura hemm il-bzonn ta' xi intenzjoni specifika diretta li l-mutwant ikun irid jghakkes u jisfrutta lill-mutwatarju jew li jrid jiehu vantagg mill-pozizzjoni finanzjarja mwieghra tieghu. Kull ma hu mehtieg hu li l-mutwant jkun konsapevoli tal-fatt li qed jislef flus versu korrispettiv, imghax jew qliegh iehor li jkun in eccess ghal dak permess mill-ligi. Evidenza ta' din l-intenzjoni tista' tigi prezunta minn atti li jkunu jindikaw li qed tinheba l-vera portata w in-natura tas-self u l-korrispettiv, bhal ma jirrizulta li kien qed isir f' dan il-kaz, bil-mod fuq deskritt. Lanqas ma hu mehtieg li jigi pruvat li jkun il-mutwant li jkun ghamel xi pressjoni fuq il-mutwatarju biex jidhol ghal dak is-self abuziv. Bizzejjed li jkun hemm l-accettazzjoni tat-tnejn.”*

A skans ta’ kull ekwivoku, din il-Qorti trid taghmilha cara li billi l-Artikolu 298C li ghamel is-self bl-uzura reat dahal fis-sehh fl-1 ta’ Mejju 2002, kif diga inghad, u billi Anthony Camilleri xehed li beda jissellef minghand l-imputat minn circa l-2000-2001, hija se taghti l-beneficcju tad-dubbju lill-imputat dwar d-diversi self li tah qabel l-1 ta’ Mejju 2002. Il-Qorti se tistrieh biss fuq l-ewwel xhieda tal-imputat fejn qal li bejn is-sena 2003 u 2004 hu kien

issellef Lm7000 minghand l-imputat, u kien ihallsu LM50.00 jew LM40.00 fil-gimgha. F'din ix-xhieda hu jghid ukoll li l-imputat gieli zammlu imghax anke bil-15%.

Ghalkemm hu minnu li Anthony Camilleri u Philip Camilleri taw verzjonijiet konfliggenti f'dawn il-proceduri, din il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li x-xhieda li huma taw fil-bidu ta' dawn il-proceduri hija dik veritiera, ghaliex hija aktar kredibbli minn dik tal-imputat, stante li l-verzjoni tieghu m'hix verosimili u ma tikkonvincix, lanqas sal-grad tal-probabbli. L-imputat kien ben konsapevoli li Anthony Camilleri kellu problemi finanzjari kbar. Fil-fatt hu stess xehed li s-self principali kien ta' Lm8000, gieli selfu ammonti ohra, u fil-fatt jghid li l-imputat dam xi ghaxar (10) snin biex hallsu lura l-ammont ta' LM8000. Kien jaf ukoll li l-imputat kien jahdem ta' parker il-Belt Valletta, u mill-provi jirrizulta li dan kien l-uniku introjtu tieghu, u l-imputat ma ghamel l-ebda allegazzjoni li kellu xi introjtu iehor. Min-naha l-ohra, fl-ezami li sar skond il-ligi f'dawn il-proceduri, l-imputat iddikjara li hu *"irtirat"*, u dan nonostante li dak iz-zmien kellu 53 sena.

Minkejja li l-imputat, persuna irtirata, kien konxju ta' dawn il-fatti kollha, huwa sellef lill-imputat ghall-inqas LM7,000, skond hu bir-rata tal-imghax ta' 8%. Certament li dan m'ghandux mis-sewwa. Hadd f'sensieh ma jislef flejjes f'dawk l-ammonti lill-persuni li jkun jaf li ghandhom problemi finanzjarji, inkluz djun ma terzi, bla ebda garanzija u minghajr korrispettiv, u lanqas ghall-inqas issir skrittura privata bejniethom.

Ghalkemm hu minnu li fix-xhieda tieghu Anthony Camilleri kien impreciz fl-ammonti li huwa issellef minghand l-imputat, fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-verzjoni tieghu hija hafna aktar verosimili. In-nuqqas ta' precizjoni fl-ammonti li issellef minghand l-imputat hija facilment attriwibbli ghas-segwenti ragunijiet:

1. li huwa kien jissellef b'mod regolari minghandu, ma kienux izomm konteggi – fil-fatt sabiex taghti l-beneficcju tad-dubbju lill-imputat, din il-Qorti qed tiehu biss in konsiderazzjoni l-ammonti li ssellef bejn l-2003 u l-2004 u cioe Lm7000,
2. kien imbezza' hafna mill-imputat, tant li l-Ufficjal Prosekutur xehed li Anthony Camilleri kwazi iggieled mieghu biex ma jiehux passi kontra l-imputat, u Philip Camilleri ma riedx jitkellem mal-Ufficjal Prosekutur;
3. Qabel Anthony tela' jixhed l-ewwel darba f'dawn il-proceduri, l-imputat kellmu u qallu biex jghid li kien ihallsu biss LM15.00 fil-gimgha;

4. L-imputat baqa' jaghmel pressjoni biex Camilleri ihallsu kull gimgha l-ammont li kien fadallu jtih anke fil-mori ta' dawn il-proceduri, kif jirrizulta mix-xhieda ta' Anthony Camilleri.

Min-naha l-ohra, minkejja li fix-xhieda tieghu l-imputat jipprova jaghti l-impressjoni li kien jislef il-flus lil Camilleri biex jghinu, u kompla jghinu b'diversi modi anke wara li Camilleri ghamillu r-rapport mal-Pulizija, din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat ma kienx isellef eluf ta' flus f'munita Maltija lil Camilleri b'sens ta' karita, imma kien jiehu mhux biss l-imghax spettanti lilu skond il-ligi, izda ferm aktar. Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-imputat kien silef somma lil Anthony Camilleri bl-uzura, bl-ispedjent li s-soltu jsir li jinzied l-imghax mal-kapital. Il-fatt li minkejja dawn l-ammonti sostanzjali ma kien isir xejn bil-kitba jitkellem wahdu.

Inoltre mill-ewwel xhieda ta' Anthony Camilleri u anke ta' ibnu Philip, jirrizulta li meta Camilleri kien jonqos li jhallas, mhux biss l-imputat kien jghajjat mieghu, imma kien jigi ma ibnu sabiex dan ta' l-ahhar isawwat lil Camilleri. Ghalkemm fix-xhieda sussegwenti taghhom, kemm Anthony Camilleri kif ukoll ibnu Philip, jippruvaw jaghtu l-impressjoni li l-imputat ma kienx ikun tant aggressiv, u addirittura fl-ahhar xhieda tieghu Philip jghid li missieru u l-imputat qatt ma kellhom xi jghidu, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li din ix-xhieda m'ghandhix mis-sewwa, imma hi frott il-pressjoni li ghamel fuqhom l-imputat u l-biza' taghhom minnu. Huwa veru li jirrizulta li Anthony Camilleri ghamel xi tlett gimghat wara li ntavola r-rapport jghix ma' l-imputat, pero kif xehed l-istess Camilleri wara regghu iggieldu.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat gew debitament ippruvati.

Rigward it-tielet imputazzjoni, u cioe dik tar-recidiva, din tirrizulta mis-sentenza ezebita mill-Prosekuzzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Mill-fedina penali aggornata tieghu, jirrizulta li l-imputat ghandu tminn (8) kundanni minn dawn il-Qrati: kundanna ta' disturb tal-paci pubblika, kundanna ta' ingurja u theddid, erba' kundanni talli kiser il-ligijiet tas-sewqan, u zewg kundanni talli ittraffika d-droga. Ghal dawn ir-reati inghata diversi pieni pekunjarji, sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan, ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata, u zewg pieni karcerarji wahda ta' tnax-il xahar prigunerija u l-ohra ta' erba' snin. Fil-fatt fil-prezent l-imputat jinsab jiskonta l-ahhar sentenza ta' prigunerija ta' erba' snin.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li piena karcerarja effettiva hija l-piena idonea. Fi kwalunkwe kaz, fil-kaz odjern, il-Qorti hija prekluza mill-Artikolu 28A(7)(a) u (b) tal-Kodici Kriminali milli taghti sentenza ta' habs sospiza, stante li l-imputat qieghed jiskonta piena ta' prigunerija u instab hati wkoll li hu recidiv.

Ghar-rigard ta' dak li jiddisponi l-artikolu 298C(5) tal-Kodici Civili, ghalkemm certament gie ppruvat li l-imputat ircieva ammont ta' imghax b'eccess minn dak permess skond il-ligi, mill-provi akkwiziti, il-Qorti ma setghetx tistabbilixi l-ammont ta' imghax li legalment kien intitolat ghalih l-imputat, stante li jirrizulta li s-self ta' LM7000 ma sarx f'data wahda, izda sar f'diversi sommom izghar, u ma jirrizultax id-dati precizi meta sar dan is-self, ghalkemm jirrizulta li l-ewwel self sar fis-sena 2003 u t-tieni self sar fis-sena 2004. Lanqas jirrizulta xi ftehim sar ma' Anthony Camilleri dwar it-terminu preciz tal-hlas ta' dan is-self. In oltre jirrizulta li Camilleri kompla jhallas lill-imputat anke fil-mori ta' dawn il-proceduri. Konsegwentement, il-Qorti ma setghetx tiddetermina l-eccess tal-imghax li thallas lill-imputat, sabiex tordnalu jirrifondihom lil Anthony Camilleri.

Inoltre, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tizdied b'zewg gradi stante li l-imputat instab hati ta' reat kontinwat taht l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll ghax hu recidiv taht l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Peress li matul dawn is-snin li ilhom ghaddejjin dawn il-proceduri ma jirrizultax li nqalghu incidenti bejn l-imputat u Anthony Camilleri u/jew l-familjari tieghu, il-Qorti ma tarax li hu necessarju li torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu sabiex tipprovdi ghas-sigurta tieghu.

Fl-ahharnett, il-Qorti tixtieq tosserva li ghalkemm huwa vera li sfortunatament hemm trapass ta' zmien mhux negligibbli minn meta gew kommessi r-reati, kif gie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Massimo Galea**, deciza fis-27 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[7]:

*"F'kull kaz, kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, t-trapass taz-zmien m' ghandux iwassal biex tinghata sentenza inqas minn dik li suppost tinghata ghaliex inkella imputati li jirmexxilhom b' diversi modi jtawwlu l-proceduri kontra taghhom, jistghu jigu vantaggjati fuq ohrajn fejn il-process jigi konkjuz fi zmien iqsar. Dan ghax kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Nicola Farrugia et**" [2.10.2002]:-*

*"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma . Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra."*

Fil-kaz odjern, l-imputat jahti ghal parti sostanzjali minn dan id-dewmien, kif ukoll xellef dufrejgh mal-gustizzja fil-mori ta' dawn il-proceduri.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 298C(1), 251B(1), 18, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh u tikkundannah il-piena ta' prigunerija ta' tmintax (18)-il xahar mil-lum kif ukoll multa ta' hmistax-il elf Euro (€15,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' erba' mija u ghoxrin Euro (€420.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarcja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk l-hati jonqos

[7] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**